**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Seduta Qormi**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Elizabeth Agius**

**Illum, 5 ta' Marzu, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet mahruga fil-konfront ta' Elizabeth Agius bil-karta tal-identità numru 594062M, li permezz taghhom giet akkuzata talli f' 15 t' Ottubru 2019 ghall-habta ta' 09.30 hrs gewwa 126 Ixoye, Triq San Gorg Hal-Qormi, dahlet fi proprjetà ta' Alessio Cassar u Isabel Marie Portelli, waqt li kienet giet imwissija minnhom li ma ghandhiex tidhol, jew dahlet bil-mohbi taghhom, jew skuza falza jew qerq iehor.

Rat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet trattazzjoni;

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat:**

Bhala provi, gie pprezentat affidavit ta' WPC 189 A. Mawdsley, fejn gie ddikjarat li Isabel Marie Portelli u Alessio Cassar kienu rraportaw li mis-sistema ta' sorveljanza li ghandhom installata fil-proprjetà taghhom, ndunaw li Elizabeth Agius kienet waddbet xi ilma fuq il-bejt taghhom, u qabzet mill-bejt taghha ghal fuq bejt taghhom sabiex tkellem lil gar iehor. dFl-istess affidavit, gie ddikjarat li meta mitkellma mill-ufficjal tal-Pulizija, Agius sostniet li huwa minnu li qabzet ghal gol-bejt tal-kwerelanti sabiex iggib xi haga minghand il-gar, izda cahdet li waddbet xi ilma jew xi hmieg fuq il-bejt tal-kwerelanti.

**Alessio Cassar** xehed fis-sens li huwa beda jsib hmieg u ilma fuq il-bejt tal-proprjetà tieghu fi Triq San Gorg, Hal Qormi. Sostna li c-cint tal-bejt, kulma hu gholi hu tliet filati, u ghalhekk facli taqbzu. Il-girien huma Elizabeth u Joseph Aguis. Spjega li huwa ghandu filmat li fih tidher Elizabeth Agius taqbez ghal fuq il-bejt taghhom, u ddum ftit hin fuq il-bejt. Ezebixxa l-filmat u anke ritratti li gew mehuda fid-data tal-15 ta' Ottubru 2019.

**Isabel Marie Portelli** xehdet ukoll li bdew isibu ilma u hmieg fuq il-bejt, u mbaghad, mill-kamera osservaw li l-girien taghhom, kienu jaqbzu fuq il-bejt taghhom, u anke jfarfru hmieg fuq l-istess bejt taghhom. Spjegat li hallew *mobile* jirrekordja dak li jkun qed jigri. Hija kkonfermat ir-ritratti ezebiti.

**Elizabeth Agius** xehdet li hija kienet qabzet ftit fuq il-bejt tal-kwerelanti sabiex tiehu xi haga minghand il-gar taghha, Alfred Mula. Spjegat li ghamlet hekk biex ma toqghodx tinzel it-tarag.

In **kontroezami**, hija sostniet li ma qabzitx biex tisraq. Hija spjegat li ma talbet permess lil hadd biex qabzet fuq il-bejt. Spjegat li c-cint huwa biss tliet filati, u ghalhekk mhux gholi hafna, bil-konsegwenza li tista' taqbzu. Spjegat li hija qabzet

ukoll biex tiknes il-bejt ghaliex darba farfret papocc u waqgghet it-trab fuq il-bejt taghhom. Spjegat li hija qatt ma qalet lis-sidien biex jikinsu l-bejt, izda minn jeddha kienet taqbez u tiknes il-bejt.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet, Il-Pulizja vs Joseph Pisani, deciza fit-30 ta' Marzu, 2017, fejn intqal:

*"Jibda biex jinghad fil-qasam kontravvenzjonali illi:*

*"ghall-imputabbilita` ta` dan ir-reat hi bizzejjed il-volontarjeta` tal-fatt; hu bizzejjed li limputat kien il-kawza efficjenti volontarja tal-fatt kontravvenzjonali, minghajr ma hemm bzonn illi jkun hemm fl-imputat il-kuxjenza tal-illegittimita` tal-fatt stess. Jekk hu ried il-fatt biss, allura hu fi stat kontravvenzjonali. B'mod illi l-indagini tal-Qorti ghandha tkun ristretta filli l-gudikant jara jekk l-imputat riedx il-fatt, meru u semplici. (Il-pulizija vs Anthony Mallia App.Inf – 24/02/1960)"*

*Dan ghaliex,*

*"il-Qorti ma ghandhiex taghmel ebda ricerka dwar l-element intenzjonali ta' dan ir-reat; ghax il-ligi rilevanti tikkwalifikah bhala kontravvenzjoni, u fil-kontravvenzjonijiet hija bizzejjed il-volontarjeta', ghalkemm din tista' tkun eccezzjonalment eskluza fil-kaz ta' zball invincibbli u essenzjali, u li jgib, dejjem eccezzjonalment, il-bwona fede. (Il-Pulizija vs Carmelo Bonnici – Appell Inferjuri 15/02/1958)"*

*Illi allura l-element intenzjonali f'dina l-akkuza ta' natura kontravvenzjonali ma hemmx bzonn li jigi ippruvat u cioe' li l-imputat ghamel l-azzjoni inkriminatorja b'xi hsieb maghmul, b'xi intenzjoni premeditata. Il-volontarjeta' ta'l-att innifsu hija bizzejjed ..."*

Il-Qorti tqis li mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, din il-kontravenzjoni giet ippruvata. L-artikolu 339(1)(o) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipola, li hija kontravenzjoni kontra l-persuna, kull min, ghalkemm minghajr hsieb li jaghmel reat iehor, jidhol f'dar fejn joqghod haddieħor wara li jkun gie mwissi minnu li m'ghandux jidhol, jew jidhol bil-mohbi tieghu, jew bi skuza falza jew b'qerq iehor. F'dan il-kaz, huwa bizzejjed li jigi ppruvat li meta l-imputata dahlet fuq il-bejt tal-kwerelanti, hija

ghamlet dan b'mod volontarju, u ghamlet dan bil-mohbi tal-kwerelanti u anke wara li l-istess kienu wissew lil zewgha, li ma setghux jidhlu fuq il-bejt taghhom.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-agir tal-imputata jaqa' sewwa fil-parametri tal-ligi li tohloq dan ir-reat ta' natura kontravenzjonali.

**Decide**

**Ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat l-Artikolu 339(1)(o) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni mressqa kontra taghha, u tikkundannha ghal hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin Ewro (€25).**

**Magistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Registratur**